L-użu tal-qasba huwa li twaddab biha u li tgħejja l-ħuta waqt il-ġbid fuq ix-xlief. It-teorija fuq is-sajd hija li ħuta ta' per eżempju 3 kilos tista' tinqabad fuq xlief li jiflaħ kilo. Dan japplika biss meta tuża apparat relatat ma' dak ix-xlief. Il-qasba hawn hekk xogħlha huwa li tieħu l-ġibda tal-ħuta hi u mhux ix-xlief.

F'dan il-każ, jekk il-qasba tkun iebsa jew ħoxna jinqata' x-xlief mal-ġbid għax ma jkollu ebda għajnuna mill-qasba. Jekk tkun qed tistad minn fuq dgħajsa, din ma tapplikax daqs kemm minn fuq l-art meta trid twaddab sew waqt kull tefgħa. Huwa per eżempju impossibbli li twaddab ċomba żgħira 'l barra b'qasba ħoxna u iebsa li tintuża sew fuq il-baħar.

Huwa kaz ċar li jrid ikollok aktar minn qasba waħda biex tipprattika sajd differenti. Biex nirreferu għalihom se nsemmi tliet qasab. 1) Ħafifa ta' ċomb żgħir b'tul ta' xi 7 piedi, 2) tan-nofs ċomba mezzan b'tul ta' xi 9 piedi u 3) tqila u ħoxna, ċomb tqil b'tul ta' xi 8 piedi. It-tul mhux daqshekk importanti iżda trid taddatta skond kif tidra int. Eżempju huwa jekk qed tistad mill-art u twaddab 'il barra sew trid qasba tqila ta' xi tnax-il pied biex taqla' 'l barra mill-blat waqt li tiġbed lura.

B'dawn it-tliet tipi ta' qasab tista' tagħmel kull tip ta' sajd speċjalment hawnhekk f'Malta.

Dejjem trid iżżomm f'moħħok li biex tixtri dawn it-tip ta' qasab trid tkun lest li se tonfoq il-flus.

**Jikteb Paul Azzopardi**

# Kompetizzjonijiet tal-Mister Fish club

### L-ewwel Corinthia Fishing Challenge

■ Nhar il-Ħadd 14 ta' April Mister Fish Club b'kollaborazzjoni mal-Lukanda Corinthia, organizza l-ewwel edizzjoni tal-Corinthia Fishing Challenge mal-kosta tal-lukanda f'San Ġorġ. Għal din il-kompetizzjoni,, Mister Fish Club ħalla biss 22 parteċipant biex b'hekk kulħadd ikollu spazju komdu madwaru.

Il-kompetizzjoni kienet waħda ferm movimentata u fil-fatt il-mess tal-ħut ma qata' xejn, speċjalment dak tal-qiegħ. Fil-fatt inqabdu b'kollox 14.35kg. Imma l-aktar aspett sodisfaċenti ta' din il-kompetizzjoni kienet il-parteċipazzjoni ta' Brian u Anthony, żewġ żgħażagħ bi bżonnijiet speċjali. Ringrazzjament speċjali jmur għal Steve Johnston u Ray Tirchett, President u membru tal-Kunsill tal-Kingfisher Sport Fishing Association, li flok ipparteċipaw għażlu li joqogħdu jgħallmu lil Brian u Anthony kif jistadu.

F'nofsinhar beda l-użin tal-ħut, fejn fl-ewwel post ġie Daryl Borg Cardona b'1.780kg, fit-tieni post Alan Camilleri b'1.310kg, fit-tielet post Albert Quintano b'920grms u fir-raba' post Louis Zammit b'730grms. It-trofew għall-akbar ħuta ntrebaħ minn Alan Camilleri li ġie ppreżentat ukoll bix-Shield tal-Ċorinthia Fishing Challenge li tinżamm għal sena. It-trofej flimkien mal-vouchers ġew ippreżentati lir-rebbieħa mill-management tas-San Ġorġ Corinthia.

### L-ewwel kompetizzjoni bil-lejl

■ Nhar is-Sibt 4 ta' Mejju, Mister Fish Club organizza l-ewwel kompetizzjoni tas-sajd tiegħu bil-lejl. Din saret ġol-Marina ta' Portomaso f'San Ġiljan. Din il-kompetizzjoni nistgħu ngħidu li qajmet ħafna interess fost il-membri minn meta ġiet imnedija.

Kulħadd iltaqa' fil-5.00pm biex seta' jieħu postu ħalli mbagħad fis-6.00pm bdiet il-kompetizzjoni. Il-qbid nistgħu ngħidu beda mill-ewwel u żamm lill-parteċipanti kollha fuq ix-xwiek sal-aħħar. Fil-fatt f'nofs il-lejl beda l-użin tal-ħut mill-marshals li kienu preżenti l-ħin kollu waqt il-kompetizzjoni biex jaraw li kollox isir bl-aktar mod sportiv. Fil-fatt f'din il-lejla nqabdu 36 kilo ħut. Dan il-ħut kollu nżamm ġo barradi marbutin max-xatt biex b'hekk baqa' ħaj sal-aħħar tal-kompetizzjoni fejn imbagħad wara li ġie miżun dan intefa' l-baħar.


*Keith Ellul jirċievi t-trofew*

F'din il-kompetizzjoni fl-ewwel post ġie Keith Ellul b'qabd ta' 6.84kg. Din kienet qabda rekord għal kompetizzjoni tal-Mister Fish Club. Warajh fit-tieni post ġie Darren Camilleri bi 3.02kg filwaqt li fit-tielet post ġie Johnnie Cutajar li qabad 2.85kg. L-ikbar ħuta reġistrata ta' 620grms inqabdet minn Keith Ellul.

Il-preżentazzjoni tat-trofej u vouchers lir-rebbieħa saret mill-Manager tal-Marina ta' Portomaso, David Azzopardi, li kien strumentali għas-suċċess ta' din il-kompetizzjoni. Wara l-preżentazzjoni, is-Sur Azzopardi ngħata plakka kommemorattiva mill-Mister Fish Club bħala ringrazzjament tal-koperazzjoni u l-appoġġ tiegħu lill-klabb.

Kompetizzjoni oħra tal-Mister Fish se ssir ġo Portomaso fis-27 ta' Ottubru.


FISH
**Fishing Charters**
Lampedusa u oħrajn
Tel. 21676244
.00pm
*Sajd bir-rixa - alungi, tonn, pixxispad eċċ*
*Sajd tal-qiegħ il-ġurnata kollha*
*Sajd tal-qiegħ il-ġurnata kollha*